Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,030, 29 ta' Marzu, 2023
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XI tal-2023

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), Kap. 602.

ACT No. XI of 2023

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Minor Protection (Alternative Care) Act, Cap. 602.

Verżjoni Elettronika

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

29 ta' Marzu, 2023

ATT Nru XI tal-2023

ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), Kap. 602.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Kap. 602.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data jew dati li l-Ministru responsabbli għall-politika soċjali u drittijiet tat-tfal jista', b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u, jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

2. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "Aġenzija" tiegħu għandha tiġi mħassra;

(b) it-tifsira "pjan konkorrenti" tiegħu għandha tiġi mħassra;

(ċ) f'paragrafu (b) tat-tifsira "*foster care* transkonfini" tiegħu l-kliem "tal-Aġenzija" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tad-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ)";

Verżjoni Elettronika

(d) fit-tifsira "ħaddiem soċjali ewlieni" tiegħu l-kliem "mill-Aġenzija" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal sabiex jinvestiga rapport, jew il-ħaddiem soċjali maħtur mid-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ)";

(e) minnufih wara t-tifsira "Qorti" tiegħu għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Regolament (UE) 2016/679" tfisser Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data);".

Emenda tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

3. L-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-proviso tas-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "rapport mingħand professjonist mediku" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "rapport mingħand professjonist" u l-kliem "fl-opinjoni ta' dak il-professjonist mediku" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fl-opinjoni ta' dak il-professjonist";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) f'paragrafu (e) tiegħu, il-kelma "u" għandha tiġi mħassra;

(ii) f'paragrafu (f) tiegħu l-kliem "ħsara sinifikanti." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ħsara sinifikanti;" u minnufih wara għandhom jiġu miżjuda l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(g) jżomm u jaġġorna r-Reġistru għall-protezzjoni tal-Minuri skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri; u

Kap. 518.

(h) jipproċessa talbiet għal u jirrilaxxa Ċertifikati ta' Kondotta Nadifa fir-rigward ta' Abbuż ta' Minuri skont l-informazzjoni miżmuma fir-Reġistru stabbilit taħt l-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri.".

Kap. 518.

Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

4. L-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "u l-progress li jsir

Verżjoni Elettronika

minn laqgħa għal oħra għandu jkun ikkontrollat mid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u l-progress li jsir minn laqgħa għal oħra għandu jkun sorveljat mid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal";

(b) fil-proviso għas-subartikolu (4) tiegħu l-kelma "rikjesta" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "talba".

Emenda tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

5. Il-proviso tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda d-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal jista' jiddelega l-eżerċizzju ta' tali rappreżentanza lil uffiċjali oħra.".

Żieda ta' artikolu 8A ġdid fl-Att prinċipali

6. Minnufih wara artikolu 8 tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud l-artikolu ġdid li ġej:

"Żamma tar-Reġistru għall-Protezzjoni tal-Minuri. Kap. 518.

8A. Il-funzjonijiet tad-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal bħala Reġistratur skont l-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri għandhom jinkludu s-segwenti:

(a) li jżomm b'mod sikur u jżomm aġġornat ir-Reġistru skont l-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri; Kap. 518.

(b) li jaġġorna r-Reġistru skont ordnijiet mogħtija mill-Qrati u t-Tribunali ta' Malta jew minn kwalunkwe qorti kompetenti oħra;

(ċ) li jipproċessa talbiet għar-rilaxx ta' Ċertifikati ta' Kondotta Nadifa fir-rigward ta' Abbuż ta' Minuri;

(d) li jieħu dawk il-miżuri kollha neċessarji sabiex iżomm ir-Reġistru sikur skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data; Kap. 586.

(e) li jitlob informazzjoni minn entitajiet fir-rigward taż-żamma tar-Reġistru stabbilit taħt l-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri; Kap. 518.

(f) li jitlob informazzjoni minn entitajiet rilevanti u dawk li jħaddmu dwar in-natura tal-impjieg li se jkun mistenni mill-applikant;

Verżjoni Elettronika

(g) li jaħdem ma' kwalunkwe entità rilevanti sabiex tittieħed dik l-azzjoni neċessarja taħt l-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri meta l-informazzjoni fir-rigward ta' individwu ma tkunx inġiebet għall-attenzjoni tal-entità minn dak l-individwu, liema informazzjoni tkun tirrikjedi azzjoni minn dik l-entità rilevanti:

Kap. 518.

Iżda tali komunikazzjoni għandha tkun limitata għall-informazzjoni provduta u ma għandhiex tikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet taħt l-Att dwar Segretezza Professjonali u, jew l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data.".

Kap. 377.
Kap. 586.

Emenda tal-artikolu 10 tal-Att prinċipali.

7. Il-proviso tas-subartikolu (4) tal-artikolu 10 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid ġej:

"Iżda l-imsemmi żmien jista', għal raġuni tajba u minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, jiġi estiż mid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal għal perjodu addizzjonali ta' sittin (60) ġurnata tax-xogħol.".

Emenda tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali.

8. L-artikolu 11 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kelma "jista'" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "għandu s-setgħa illi";

(b) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) jitlob mingħand kwalunkwe persuna kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tista' tkun strettament neċessarja għall-finijiet tal-investigazzjoni;".

Żieda ta' artikolu ġdid 11A fl-Att prinċipali.

9. Minnufih wara l-artikolu 11 tal-Att prinċipali għandu jiġi

Verżjoni Elettronika

miżjud l-artikolu ġdid li ġej:

"Setgħa tad-Direttur li jitlob informazzjoni relatata ma' numru ta' kuntatt.

11A. (1) Id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal għandu jkollu s-setgħa illi jitlob u jirċievi l-isem, l-indirizz u, jew numru ta' kuntatt ta' abbonat jew utent reġistrat mingħand fornitur tas-servizzi li jipprovdi servizzi ta' komunikazzjoni elettroniċi disponibbli pubblikament, jew network pubbliku ta' komunikazzjonijiet, fejn din l-informazzjoni tkun strettament neċessarja sabiex id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal ikun jista' jeżerċita l-funżjonijiet u r-responsabbiltajiet tiegħu skont dan l-Att.

(2) It-talbiet magħmula mid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal skont is-subartikolu (1) għandhom ikunu dokumentati flimkien mar-raġuni għalfejn ikunu ġew magħmula. L-uffiċjal għall-protezzjoni tad-data għandu jiġi kkonsultat u involut fil-mument opportun sabiex ikun jista' jissorvelja l-konformità mar-Regolament tal-UE 2016/679.

(3) Id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal għandu jimplimenta miżuri u proċeduri tekniċi u organizzattivi xierqa sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' kunfidenzjalità u sigurtà tad-data fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali li tappartjeni lill-persuni fiżiċi.".

10. L-artikolu 12 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu:

(i) l-paragrafu (d) tiegħu l-kelma "eżamijiet" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "testijiet";

(ii) l-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) korsijiet bil-għan li jtejbu l-ħiliet tal-ġenituri tal-minuri;";

(iii) minnufih wara l-paragrafu (g) tiegħu għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ga) jekk neċessarju, it-tqegħid temporanju tal-minuri f'kura alternattiva skont l-artikolu 68(12) ta' dan l-Att;";

Verżjoni Elettronika

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu, il-kliem "Mal-firem, id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal għandu jaħtar ħaddiem soċjali ewlieni jew jista' jinnotifika lid-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Mal-firem, id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal jista' jaħtar ħaddiem soċjali ewlieni u għandu jinnotifika lid-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ".

Emenda tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali.

11. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali l-kliem "jlaqqa' dawk kollha il-professjonisti" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jlaqqa' dawk il-professjonisti kollha".

Żieda tal-artikolu ġdid 17A fl-Att prinċipali.

12. Minnufih wara l-artikolu 17 tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud l-artikolu ġdid li ġej:

"Rappreżentazzjoni tal-partijiet kollha quddiem il-Qorti.

17A. Fil-proċeduri kollha tal-Qorti, il-Qorti għandha taċċerta li l-partijiet kollha huma debitament rappreżentati qabel ma l-Qorti tgħaddi sabiex tisma' lill-partijiet u, jew l-evidenza tagħhom u għandha tipproċedi bil-ħatra ta' kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-partijiet li ma jistgħux jiġu intraċċati, lokalizzati, misjuba u notifikati jew ma jistgħux jidhru fil-proċeduri bħala partijiet, u dan kif jipprovdi l-proviso tal-artikolu 24(4) ta' dan l-Att.".

Emenda tal-artikolu 18 tal-Att prinċipali.

13. L-artikolu 18 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (7) tiegħu:

(i) il-kliem "aktar tard minn xahrejn (2) mid-data tal-ewwel smigħ ta' dik is-seduta" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "aktar tard minn xahrejn (2) mid-data ta' dik is-seduta";

(ii) il-kliem "għandu jipprepara pjan ta' ħarsien sa dik id-data" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għandu, fil-frattemp, sa dik id-data, jipprepara pjan ta' ħarsien";

(iii) fil-proviso tiegħu l-kliem "sabiex, tistabbilixxi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sabiex tistabbilixxi";

(b) fis-subartikolu (8) tiegħu l-kliem "minnufih innotifikat" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "minnufih notifikat";

(ċ) fis-subartikolu (9) tiegħu l-kliem "fi żmien xahrejn mill-preżentata tiegħu billi tawtorizza" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fi żmien xahrejn (2) mill-aħħar seduta billi tawtorizza", u minnufih wara għandu jiġi miżjud is-subartikolu ġdid li ġej:

Verżjoni Elettronika

"(10) Meta l-Qorti toħroġ ordni ta' ħarsien għall-benesseri ta' minuri skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Pulizija għandhom jiġu infurmati mid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal, sabiex il-minuri protett b'dak l-istess ordni ta' ħarsien għall-benesseri tiegħu jitniżżel fis-Sistema ta' Informazzjoni Schengen (SIS) u dak il-minuri jitħalla jivjaġġa 'l barra minn Malta u jidħol lura Malta biss meta jkun hemm il-kunsens bil-miktub tal-persuna jew l-entità vestita bil-kura u kustodja tiegħu, skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, li temenda u tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u li tħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament tal-Ewropa u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE.".

14. L-artikolu 19 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali.

(a) fis-sub-artikolu (1)(a)(i) tiegħu, minnufih wara l-kliem "ħarsien u protezzjoni" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "jew li jkun meqjus li għandu bżonn permanenza skont kif provdut f'dan l-Att";

(b) fis-subartikolu (3)(b) tiegħu l-kelma "diżabbli" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "għandu diżabbiltà".

15. L-artikolu 20 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 20 tal-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (4) tiegħu l-kliem "jkun fih tifsira qasira iżda ċara tal-fatti tal-każ" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jkun fih rendikont qasir iżda ċar tal-fatti tal-każ";

(b) minnufih wara s-subartikolu (12) tiegħu għandu jiġi miżjud is-subartikolu ġdid li ġej:

"(12A) Meta l-ġenitur jew ġenituri tal-minuri, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, jew il-kuratur *ad litem* tagħhom, iħossu li jistgħu jirribattu l-allegazzjonijiet fil-konfront tagħhom permezz tal-produzzjoni ta' xhieda u sottomissjonijiet, huma għandhom jitħallew iħarrku x-xhieda jew iressqu kwalunkwe tip ta' prova jew sottomissjoni oħra rilevanti f'seduta li tinżamm għal dan il-għan:

Iżda għandu jsir kull sforz raġonevoli sabiex il-

Verżjoni Elettronika

Qorti tisma' l-provi kollha f'dik is-seduta, iżda għal raġuni tajba, il-Qorti tista' tkompli tisma' l-provi f'seduti sussegwenti.";

(ċ) fis-subartikolu (13) tiegħu l-kliem "u x-xhieda kollha," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem ", l-evidenza kollha u fejn neċessarju s-sottomissjonijiet tal-partijiet," u minnufih wara s-subartikolu (13) kif emendat, għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda jekk neċessarju, il-Qorti tista' tiddiferixxi l-każ għal data oħra, li ma tkunx aktar tard minn xahrejn (2) mid-data ta' dik is-seduta sabiex tagħti d-deċiżjoni tagħha:";

(d) fil-proviso eżistenti tas-subartikolu (13) tiegħu, minnufih wara l-kelma "Iżda" għandha tiġi miżjuda l-kelma "wkoll".

Emenda tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali.

16. Minnufih wara s-subartikolu (4) tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Meta l-Qorti toħroġ digriet kif imsemmi fis-subartikolu (1), għandha tordna illi kopja tad-digriet tiġi notifikata lill-partijiet kollha inkluż id-Direttorati, l-Avukat tat-Tfal, il-ġenitur jew ġenituri tal-minuri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, it-tutur u, jew il-kuratur jekk applikabbli u l-Bord ta' Reviżjoni.".

Emenda tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali.

17. L-artikolu 24 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "tad-Direttur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mid-Direttur";

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu l-kliem "għall-preżentata tar-risposta tagħhom." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għall-preżentata tar-risposta tagħhom:" u minnufih wara għandu jiġi

Verżjoni Elettronika

miżjud il-proviso ġdid kif ġej:

"Iżda meta l-Qorti jkollha quddiemha tliet (3) riferti negattivi skont l-artikolu 187 u 188 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u, jew ma jkunx possibbli li l-ġenitur jew ġenituri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, jiġu intraċċati, lokalizzati jew misjuba jew ma jistgħux jkunu parti fil-kawża, il-Qorti għandha tgħaddi sabiex taħtar kuraturi skont l-artikolu 930 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-ġenitur jew ġenituri tal-minuri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ. Il-proċedura tal-ħruġ tal-bandi kif meħtieġa skont l-artikolu 931 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma għandhiex ixxekkel is-smigħ.";

Kap.12.

(ċ) fis-subartikolu (5) tiegħu l-kliem "fis-subartikolu (3)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fis-subartikolu (4)";

(d) minnufih wara s-subartikolu (8) tiegħu għandu jiġi miżjud is-subartikolu ġdid li ġej:

"(9) Kwalunkwe parti li tħossha aggravata tista' tippreżenta appell skont l-artikolu 66 ta' dan l-Att.".

18. Fil-proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 25 tal-Att prinċipali l-kliem "tfal migranti" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "migranti li jkunu tfal".

Emenda tal-artikolu 25 tal-Att prinċipali.

19. L-artikolu 31 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal-artikolu 31 tal-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "jista' jinħatar mill-ġdid:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jista' jinħatar mill-ġdid." u l-proviso tiegħu għandu jiġi mħassar;

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu kif emendat, għandu jiġi miżjud is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2A) Jekk ikun hemm l-esiġenza, il-Ministru jista' jwaqqaf Bord jew Bordijiet Addizzjonali, liema Bord jew Bordijiet għandhom ikunu kostitwiti u għandhom jimxu mal-istess proċeduri skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att:

Iżda kemm-il darba jiġi kostitwit Bord Addizzjonali, il-Bordijiet għandu jkollhom, kemm jista' jkun, madwar l-istess numru ta' każijiet:

Verżjoni Elettronika

Iżda wkoll ladarba l-każijiet jiġu assenjati u l-Bordijiet ikunu qegħdin jisimgħu r-reviżjonijiet, il-każijiet għandhom jibqgħu jiġu segwiti mill-istess Bord.";

(ċ) fil-proviso tal-artikolu (3) tiegħu l-kliem "jekk tkun instabet" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jekk ikun instab".

Emenda tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali.

20. L-artikolu 32 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu:

(i) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) jagħmel reviżjonijiet perjodiċi tal-pjan ta' ħarsien u jieħu deċiżjonijiet fuq modifiki għall-pjan ta' ħarsien kif u meta meħtieġ;";

(ii) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(iii) minnufih wara paragrafu (g) tiegħu għandhom jiġu miżjuda l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(h) jieħu deċiżjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' qbil meta t-tqegħid ta' minuri f'kura alternattiva taħt kuntratt soċjali skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, inkluż fuq kwistjonijiet relatati mal-bżonnijiet psikoloġiċi u terapewtiċi tal-minuri u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar jekk jiġix terminat dak it-tqegħid tal-minuri jew le u dawk id-deċiżjonijiet għandhom dejjem jittieħdu fl-aħjar interessi tal-minuri;

(i) jieħu deċiżjonijiet relatati mas-sospensjoni ta' kuntatt għal perjodu itwal minn xahar (1) skont l-artikolu 36A(1)(j) ta' dan l-Att, liema deċiżjoni għandha tkun notifikata lill-partijiet kollha interessati.";

(b) fil-proviso tas-subartikolu (3) tiegħu l-kelma "adattat" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "xieraq".

Emenda tal-artikolu 33 tal-Att prinċipali.

21. L-artikolu 33 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) il-kliem "tal-ordni għall-protezzjoni tal-minuri, u kull reviżjoni sussegwenti għandha ssir mill-inqas kull sitt

Verżjoni Elettronika

xhur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ta' meta l-Bord ikun irċieva l-kopja tad-deċiżjoni finali kif jipprovdi l-artikolu 18(9), u kull reviżjoni sussegwenti għandha, minn hemm 'il quddiem, issir mill-inqas darba fis-sena";

(ii) fl-ewwel proviso tiegħu l-kliem "jagħlaq il-perjodu ta' sitt (6) xhur u dan minħabba li l-minuri qed isofri, jew qiegħed f'periklu li jsofri, ħsara sinifikanti fit-tqegħid taħt ħarsien jew bħala riżultat tal-pjan ta' ħarsien" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-perjodu ta' sena, minħabba li l-minuri qiegħed isofri, jew qiegħed f'riskju li jsofri, ħsara sinifikanti bħala riżultat tal-pjan ta' ħarsien jew minħabba bżonn tal-minuri li jimmerita tali reviżjoni sabiex jiġi żgurat il-benesseri tal-istess minuri";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "matul l-ewwel reviżjoni, jippreżenta lill-Bord ta' Reviżjoni pjan konkorrenti għall-minuri. L-imsemmi pjan għandu" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jippreżenta aġġornament u, jew reviżjoni tal-pjan ta' ħarsien għall-minuri lill-Bord ta' Reviżjoni matul ir-reviżjonijiet miżmuma mill-Bord. L-imsemmi pjan ta' ħarsien kif rivedut għandu";

(ċ) fis-subartikolu (6) tiegħu l-kliem "jkun ġie ppreżentat lill-Bord ta' Reviżjoni l-pjan konkorrenti mill-ħaddiem soċjali ewlieni," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-Bord ikun żamm l-ewwel reviżjoni tal-pjan ta' ħarsien fi żmien il-perjodu tal-ewwel erba' (4) xhur skont l-artikolu 33(1) ta' dan l-Att,";

(d) fis-subartikolu (7) tiegħu:

(i) fl-ewwel proviso tiegħu l-kliem "jirrakomanda lill-Qorti li l-pjan permanenti alternattiv għandu jibda jseħħ" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jiddetermina illi ser ikun qiegħed jipproċedi quddiem il-Qorti b'rakkomandazzjoni sabiex il-pjan permanenti alternattiv jidħol fis-seħħ";

(ii) fit-tieni proviso tiegħu l-kliem "interess tal-minuri li dan isir:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "interess tal-minuri li dan isir." u t-tielet u l-aħħar proviso tiegħu għandhom jiġu mħassra;

(e) minnufih wara s-subartikolu (7), kif emendat, għandu jiġi miżjud is-subartikolu ġdid li ġej:

"(7A) Il-Bord ta' Reviżjoni għandu jinnotifika lill-partijiet interessati kollha bid-deċiżjoni tiegħu illi

Verżjoni Elettronika

jipproċedi bl-integrazzjoni mill-ġdid tal-minuri jew li jipproċedi quddiem il-Qorti bir-rakkomandazzjoni għall-pjan permanenti alternattiv. Il-Bord ta' Reviżjoni għandu wkoll jistieden lill-partijiet jikkomunikaw lill-Bord ta' Reviżjoni n-nuqqas ta' qbil tagħhom ma' tali deċiżjoni, jekk ikun hemm u r-raġunijiet għal dan in-nuqqas ta' qbil u dan fit-terminu mogħti lilhom. Mal-iskandenza ta' tali terminu, il-Bord ta' Reviżjoni għandu jipproċedi quddiem il-Qorti bid-deċiżjoni tiegħu, kif ukoll bil-pożizzjonijiet ta' nuqqas ta' ftehim li jkun irċieva u l-Qorti għandha tipproċedi sabiex tikkonferma, tirrevoka jew tvarja d-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni.";

(f) is-subartikolu (8) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu u proviso ġodda li ġejjin:

"(8) Qabel tgħaddi għad-deċiżjoni finali tagħha, il-Qorti tista' tappunta seduta għas-smigħ fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol sabiex tisma' l-fehmiet ta' kull persuna li tqis neċessarja fiċ-ċirkostanzi, u b'mod partikolari l-fehmiet tal-minuri, jekk meqjus li jkollu fehim biżżejjed:

Iżda jekk il-Bord ta' Reviżjoni jindika lill-Qorti illi n-notifika tal-parti interessata ma kenitx possibbli minkejja tentattivi min-naħa tal-Bord jew ma jkunx possibbli għal ġenitur jew ġenituri tal-minuri, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, li jkunu intraċċati, lokalizzati, misjuba jew ma jkunux jistgħu jkunu parti fil-proċeduri, il-Qorti għandha tgħaddi sabiex taħtar kuraturi skont l-artikolu 930 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex jirrappreżentaw l-interessi ta' dik il-parti. Il-proċedura tal-ħruġ tal-bandi kif meħtieġa skont l-artikolu 931 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma għandhiex ixxekkel is-smigħ.";

Kap.12.

(g) is-subartikoli (9) u (10) tiegħu għandhom jiġu mħassra;

(h) minnufih wara s-subartikolu (10) tiegħu kif imħassar,

Verżjoni Elettronika

għandhom jiġu miżjuda s-subartikoli ġodda li ġejjin:

(11) Meta l-Qorti tagħti deċiżjoni kif imsemmi fis-subartikolu (8), għandha tordna illi kopja tad-digriet tiġi notifikata lill-partijiet kollha inkluż lid-Direttorati, lill-Avukat tat-Tfal, lill-ġenitur jew ġenituri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, lit-tutur u, jew kuratur jekk ikun applikabbli u lill-Bord ta' Reviżjoni.

(12) Kwalunkwe parti li tħossha aggravata tista' tippreżenta appell skont l-artikolu 66 ta' dan l-Att.".

Emenda tal-artikolu 34 tal-Att prinċipali.

22. Minnufih wara s-subartikolu (3) tal-artikolu 34 tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Meta l-ħaddiem soċjali ewlieni, il-ġenitur jew ġenituri tal-minuri, jew jekk applikabbi t-tutur u, jew il-kuratur, iħossu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni, kwalunkwe wieħed minnhom jista', fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata tax-xogħol, jitlob lill-Qorti sabiex tvarja jew tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni. Il-Qorti għandha tgħaddi sabiex tiddetermina tali reviżjoni bl-istess mod kif provdut fl-artikolu 33.".

Emenda tal-artikolu 36 tal-Att prinċipali.

23. Is-subartikolu (6) tal-artikolu 36 tal-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Żieda tal-artikoli 36A, 36B, 36Ċ, 36D u 36E ġodda fl-Att prinċipali.

24. Minnufih wara l-artikolu 36, kif emendat, għandhom jiġu miżjuda l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Funzjonijiet tad-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ)

36A. (1) Bla ħsara għal kwalunkwe funzjoni jew responsabbiltà oħra li tista' tkun mogħtija lid-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra, dan id-Direttur għandu:

(a) jqabbel foster carers mal-minuri li jkunu sejrin jitqiegħdu taħt foster care skont l-artikolu 50;

(b) jagħmel kull tentattiv raġonevoli sabiex iqiegħed lill-aħwa mal-istess foster carer jekk dan ikun fl-aħjar interess tal-aħwa;

(ċ) jagħmel kull tentattiv raġonevoli sabiex iqiegħed ġenitur minorenni u l-ulied mal-istess foster carer;

(d) jiżgura li kull tqegħid taħt foster care ikun fl-aħjar interess tal-minuri;

Verżjoni Elettronika

(e) isegwi t-tqegħid kollu taħt foster care li jkun sar permezz tiegħu u jagħti sostenn lill-foster carers matul it-tqegħid taħt foster care;

(f) jikkunsidra u jipproponi tibdil, jekk ikun meħtieġ, għal kwalunkwe ftehim ta' foster care;

(g) jinvestiga lmenti kontra xi foster carer skont il-manwal jew proċeduri msemmija fl-artikolu 36B u jħejji rapport u jgħaddih lill-Bord għall-Fostering għal kull azzjoni meħtieġa;

(h) jinvestiga kwalunkwe allegazzjoni ta' abbuż relatata mat-tqegħid taħt foster care, skont il-manwal jew proċeduri msemmija fl-artikolu 36B u jagħmel rapport kif jista' jkun meħtieġ lill-awtorità kompetenti;

(i) jirregola l-frekwenza u l-modalità tal-kuntatt bejn il-minuri f'kura alternattiva u l-ġenitur jew ġenituri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, aħwa, u, jew persuna oħra viċin tiegħu skont l-artikolu 63(3);

(j) jissospendi l-kuntatt bejn il-minuri u kwalunkwe persuna hawn fuq msemmija fid-dawl ta' ċirkostanzi gravi, liema sospensjoni ma tistax tkun għal perjodi itwal minn xahar:

Iżda jekk id-Direttur iqis li jkun neċessarju u, jew ikun fl-aħjar interess tal-minuri li jkun hemm sospensjoni itwal tal-kuntatt, id-Direttur għandu jinforma lill-Bord ta' Reviżjoni biċ-ċirkostanzi li wasslu għad-deċiżjoni ta' sospensjoni u l-Bord għandu jiddeċiedi dwar dan sa mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem tax-xogħol;

(k) iwettaq assessjar perjodiku fuq il-membri tal-familja tal-minuri sabiex jevalwa l-progress skont il-pjan ta' ħarsien tal-minuri:

Iżda bħala parti minn tali assessjar, id-Direttur jista' jiġi provdut bl-informazzjoni, kif jista' jkun raġonevolment neċessarju għal dan il-għan, minn professjonisti u tali komunikazzjoni għandha tkun protetta bis-sigriet professjonali:

Verżjoni Elettronika

Iżda wkoll bħala parti minn tali assessjar, id-Direttur jista' jitlob lill-awtorità kompetenti sabiex tipprovdilu l-informazzjoni, kif jista' jkun raġonevolment neċessarju għal dan il-għan, li tkun relatata ma' proċeduri kriminali pendenti kontra l-individwi li jkunu qegħdin jiġu assessjati;

(l) jipprepara, jiftiehem dwar, jiffirma u jissorvelja kuntratt soċjali skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(m) jagħti jew jirrifjuta permess sabiex minuri jsiefer mal-carers alternattivi tiegħu u joħroġ dokument uffiċjali bħala prova ta' tali permess, meta jkun hekk mogħti:

Iżda d-Direttur għandu jikkomunika immedjatament mal-awtorità kompetenti dwar is-safra permessa tal-minuri fid-dawl tal-artikolu 18(10);

(n) jirregola tqegħid volontarju ta' minuri f'kura alternattiva skont l-artikolu 68 ta' dan l-Att;

(o) jagħmel bidla fit-tqegħid tal-minuri f'kura alternattiva fl-aħjar interessi ta' dak l-istess minuri:

Iżda d-Direttur għandu mingħajr dewmien jinforma lill-ġenitur jew ġenituri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll lill-Bord ta' Reviżjoni dwar tali bidla fit-tqegħid tal-minuri;

(p) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-entità kompetenti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att fir-rigward tal-integrazzjoni mill-ġdid jew permanenza, ir-rilaxx tal-minuri għall-adozzjoni u, jew ir-revoka ta' ordni ta' protezzjoni, liema rakkomandazzjonijiet għandhom dejjem isiru fl-aħjar interess tal-minuri;

(q) jiddelega deċiżjonijiet ordinarji relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri lill-carer jew carers alternattivi, u l-irtirar ta' tali delega, ladarba jkun hekk vestit bil-kura u kustodja tal-minuri f'kura alternattiva, mill-Qorti;

Verżjoni Elettronika

(r) jieħu deċiżjonijiet straordinarji u urġenti relatati mas-saħħa, wara li jkun ħa l-parir ta' professjonisti mediċi li jkunu jsegwu lill-minuri;

(s) jieħu deċiżjonijiet relatati mal-bżonnijiet psikoloġiċi tal-minuri f'kura alternattiva, inkluż deċiżjonijiet relatati mat-terapija għall-minuri;

(t) jieħu ħsieb il-proċess neċessarju sabiex minuri f'kura alternattiva jiġi trasferit minn skola għal oħra mat-tqegħid tiegħu f'kura alternattiva u, jew bidla fit-tqegħid, fl-aħjar interessi tal-istess minuri:

Iżda d-Direttur għandu mingħajr dewmien, jinforma lill-ġenitur jew ġenituri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll lill-Bord ta' Reviżjoni dwar tali bidla ta' skola;

(u) jipprepara pjan ta' ħarsien ulterjuri meta jkun meqjus neċessarju għal minuri taħt ordni għall-protezzjoni;

(v) jaqdi kwalunkwe funzjoni jew setgħa oħra li l-Ministru jista', permezz ta' regolamenti taħt dan l-Att, jassenja lilu minn żmien għal żmien.

(2) Id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandu jkollu wkoll il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li jipprovdi servizzi skont standards, kriterji, proċeduri u linji gwida stabbiliti mill-Awtorità Ċentrali u skont dawk l-istandards ta' servizz stabbiliti fihom;

(b) li jirċievi u jipproċessa applikazzjonijiet minn persuni li japplikaw sabiex ikunu reġistrati bħala foster carers;

(ċ) li jipprovdi taħriġ inizjali lill-foster carers prospettivi u taħriġ kontinwu lill-foster carers li jkunu reġistrati miegħu u jagħtihom appoġġ adegwat u kontinwu meta d-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) ikun qiegħed minuri taħt foster care mal-foster carers;

Verżjoni Elettronika

(d) li jipprovdi lill-Awtorità Ċentrali aċċess għal kwalunkwe dokument li għandu x'jaqsam mal-proċeduri ta' foster care ta' kwalunkwe minuri, inklużi rapporti dwar xi foster carer jew foster carer prospettiv;

(e) li jipprovdi lill-Awtorità Ċentrali aċċess għall-kontijiet tiegħu u għall-kontijiet verifikati;

(f) li fl-aħħar ta' kull sena kalendarja jibgħat rapport lill-Awtorità Ċentrali dwar il-qadi tal-funzjonijiet tiegħu;

(g) li jikkonforma ma' kwalunkwe funzjoni kif jista' jiġi speċifikat mill-Awtorità Ċentrali.

(3) Bla ħsara għal kwalunkwe funzjoni jew responsabbiltà oħra mogħtija lilhom skont dan l-Att jew xi liġi oħra, kull aġenzija akkreditata skont dan l-Att għandu jkollha wkoll il-funzjonijiet elenkati fis-subartikolu (2).

Politiki u proċeduri tad-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ).

36B. Id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandu jiżviluppa, jaġġorna u jesegwixxi politiki, proċeduri u manwali bil-miktub li jkunu soġġetti għall-approvazzjoni tal-Awtorità Ċentrali, li għandhom *inter alia* jipprovdu dwar:

(a) proċeduri dwar taħriġ u evalwazzjoni;

(b) forom ta' appoġġ għal foster carers u għall-minuri li jkunu tqiegħdu taħt foster care, kemm qabel, waqt u wara t-tqegħid taħt foster care;

(ċ) investigazzjoni ta' lmenti kontra kwalunkwe foster carer; u

(d) tibdil fiċ-ċirkostanzi tal-foster carers.

Informazzjoni lill-foster carers prospettivi.

36Ċ. Qabel ma jibda l-proċess ta' fostering, id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandu:

(a) jinforma lil foster carers prospettivi bl-objettivi, setgħat u ħidmiet tiegħu;

(b) jgħaddi lil foster carers prospettivi kopja taċ-Ċertifikat ta' Akkreditament bħala prova tal-akkreditament tiegħu; u

(ċ) jinforma lill-foster carers prospettivi bi kwalunkwe rekwiżit legali.

Verżjoni Elettronika

Reġistri.

36D. (1) Id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandu jżomm reġistru wieħed jew aktar li bħala minimu jkun fihom listi:

(a) tal-foster carers prospettivi reġistrati miegħu;

(b) tal-foster carers reġistrati miegħu; u

(ċ) tal-professjonisti li jkunu qegħdin jissorveljaw kull tqegħid taħt foster care.

(2) B'żjieda mas-subartikolu (1), l-Awtorità Ċentrali tista', billi tinforma bil-miktub lid-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ), tordna ż-żieda ta' informazzjoni oħra li għandha tiġi reġistrata u miżmuma fir-reġistri msemmija fis-subartikolu (1).

Taħriġ għall-ħaddiema soċjali.

36E. Id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandu jagħmel kull sforz raġonevoli sabiex jiżgura li kull ħaddiem soċjali assenjat sabiex jaqdi funzjonijiet relatati mal-proċeduri ta' foster care jkun imħarreġ dwarhom b'mod adegwat u jibqa' jirċievi taħriġ kontinwu.

Emenda tal-artikolu 37 tal-Att prinċipali.

25. Fil-paragrafu (ċ) tal-artikolu 37 tal-Att prinċipali l-kliem "dwar kull ilment kontra d-Direttur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "dwar kull ilment fuq id-Direttur".

Emenda tal-artikolu 38 tal-Att prinċipali.

26. Fis-subartikolu (11) tal-artikolu 38 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kelma "jikkonsulta" għandha tiġi miżjuda l-kelma "ma'".

Emenda tal-artikolu 40 tal-Att prinċipali.

27. Fis-subartikolu (4) u (6) tal-artikolu 40 tal-Att prinċipali l-kelma "reġistrata" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "traċċata".

Emenda tal-artikolu 44 tal-Att prinċipali.

28. L-artikolu 44 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) u l-proviso tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bis-subartikolu u proviso ġodda li ġejjin:

"(2) Għal kull organizzazzjoni akkreditata mill-Awtorità Ċentrali skont dan l-artikolu, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 36A(2) u 36B sa 36E:

Iżda d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 36B(ċ) u 36D(1)(ċ) ma għandhomx japplikaw għall-aġenziji akkreditati skont dan l-artikolu.";

(b) is-subartikolu (3) tal-artikolu 44 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

Verżjoni Elettronika

"(3) Aġenzija akkreditata tkun fl-obbligu li tipprovdi lid-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) dik l-informazzjoni fil-pussess tagħha, inkluż dwar foster carers jew foster carers prospettivi, li tkun mitluba mid-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) bil-għan li l-istess Direttorat jaqdi xi waħda mill-funzjonijiet tiegħu skont dan l-Att.".

Emenda tal-artikolu 45 tal-Att prinċipali.

29. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 45 tal-Att prinċipali l-kelma "reġistrata" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "traċċata".

Emenda tal-artikolu 51 tal-Att prinċipali.

30. Fis-subartikolu (5) tal-artikolu 51 tal-Att prinċipali, il-kliem "jkollu żmien tlitt ijiem utili sabiex toġġezzjona għal dak is-safar sabiex il-Bord ta' Reviżjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jkollu żmien tlett (3) ijiem tax-xogħol sabiex joġġezzjona għal dak is-safar u l-Bord ta' Reviżjoni".

Emenda tal-artikolu 54 tal-Att prinċipali.

31. L-artikolu 54 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "fil-kura u kustodja ta'" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jirrisjedi ma'";

(b) fil-proviso tas-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "fil-kura u kustodja tal-" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jirrisjedi mal-".

Tħassir tas-Sub-Titolu II tat-Titolu V tat-Taqsima II tal-Att prinċipali.

32. Is-Sub-Titolu II tat-Titolu V tat-Taqsima II tal-Att prinċipali (Artikoli 55, 56, 57, 58 u 59) għandu jiġi mħassar.

Emenda tal-artikolu 65 tal-Att prinċipali.

33. Fis-subartikolu (8) tal-artikolu 65, il-kelma "registrata" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "traċċata".

Emenda tal-artikolu 67 tal-Att prinċipali.

34. Fl-artikolu 67 tal-Att prinċipali, kull fejn jidhru, il-kliem "Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ)".

Emenda tal-artikolu 68 tal-Att prinċipali.

35. L-artikolu 68 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) l-kliem "biex iqiegħdu lill-minuri taħt il-kura u kustodja ta'" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sabiex il-minuri jibda jirrisjedi ma'" u minnufih wara l-kliem "qarib jew entità" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "għal perjodu li jeċċedi xahrejn (2), il-ġenituri u, jew";

(ii) fil-proviso tiegħu, minnufih wara l-kliem "ma'

Verżjoni Elettronika

qarib" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "li ma jkunx oħt jew ħu, nannu u, jew nanna, zija u, jew ziju";

(b) minnufih wara s-subartikolu (10) tiegħu għandhom jiġi miżjuda s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(11) Meta l-minuri jkun ilu f'dak it-tqegħid għal perjodu ta' sentejn (2) u d-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) jiddetermina illi l-integrazzjoni mill-ġdid ma' ġenitur jew ġenituri, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, ma tkunx aktar possibbli jew ma tkunx fl-aħjar interess tal-minuri, l-istess Direttur għandu jaħdem mad-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal sabiex, permezz ta' rikors, jitolbu lill-Qorti toħroġ ordni għall-protezzjoni u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 18 u 19 jew 24 ta' dan l-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

(12) Skont l-artikolu 12(3)(h), id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal jista', matul il-kors tal-investigazzjoni tiegħu wara rapport, jasal fi qbil mal-ġenitur jew ġenituri tal-minuri, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, illi l-minuri jitqiegħed temporanjament f'kura alternattiva u għandu jiġi maqbul kuntratt soċjali bejn il-partijiet interessati, inkluż id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ):

Iżda kopja tal-kuntratt soċjali kif maqbul, għandha tiġi kkomunikata lill-Bord ta' Reviżjoni.

(13) Ladarba l-partijiet jaqblu fuq tali kuntratt soċjali li jinkludi t-tqegħid tal-minuri f'kura alternattiva, it-terminazzjoni ta' dak it-tqegħid għandu jkun possibbli biss skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.".

Żieda ta' artikoli ġodda fl-Att prinċipali.

36. Minnufih wara l-artikolu 68 tal-Att prinċipali għandhom jiġu miżjuda l-artikolu ġodda li ġejjin:

"Ordnijiet tal-Qorti taħt liġi oħra.

68A. (1) Meta minuri jkun tqiegħed f'kura alternattiva sussegwentement għall-ordni ta' qorti taħt id-dispożizzjonijiet ta' liġi oħra għajr dan l-Att, id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) jista', permezz ta' rikors quddiem tali qorti, jitlob li kopja tal-atti li wasslu għall-ordni tal-qorti sabiex il-minuri jitqiegħed f'kura alternattiva, u kwalunkwe varjazzjonijiet sussegwenti għall-istess ordni, jintbagħtu lill-Qorti.

Verżjoni Elettronika

(2) Fl-istess rikors, id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) jista' wkoll jitlob lill-Qorti sabiex tikkonverti l-ordni tal-qorti f'ordni għall-protezzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 18 u 19 ta' dan l-Att u tali dispożizzjonijiet għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

TAQSIMA IV *bis*
AFTER CARE

68B. (1) Żgħażagħ f'kura alternattiva jista' jkollhom it-tqegħid tagħhom f'kura alternattiva, liema tqegħid irid ikun ikkunsidrat bħala wieħed li joffri ambjent bħal dak ta' familja, estiż anke għal wara li dawn jilħqu l-età maġġorenni, kemm-il darba dan ikun fl-aħjar interess tagħhom u mhux kontra l-aħjar interessi ta' minuri oħra li jirrisjedu fl-istess post:

Iżda din l-estensjoni ma għandhiex teċċedi l-perjodu sakemm il-persuna żagħżugħa tagħlaq l-età ta' wieħed u għoxrin (21) sena, kemm-il darba din il-persuna tkun ilha tirrisjedi fl-istess tqegħid għall-aktar minn sentejn (2) qabel tkun saret maġġorenni.

(2) Qabel l-estensjoni ta' dan it-tqegħid, id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandu jwettaq assessjar tal-bżonnijiet u x-xewqat tal-persuna żagħżugħa li tkun riesqa għall-età maġġorenni u dawk tar-residenti l-oħrajn. Barra minn hekk, għandu jkun hemm qbil bejn il-professjonisti li jkunu jsegwu lill-persuna żagħżugħa illi din l-estensjoni tkun fl-aħjar interessi tal-istess persuna żagħżugħa, kif ukoll mal-persuna nnifisha u dan il-qbil irid jiġi rifless f'kuntratt soċjali li jiġi ffirmat mill-partijiet interessati kollha:

Iżda jekk waqt l-estensjoni tat-tqegħid, il-persuna żagħżugħa tkun qiegħda tikser il-kundizzjonijiet magħmula fil-kuntratt soċjali, dak il-ksur għandu jġib miegħu t-terminazzjoni tat-tqegħid:

Iżda wkoll jekk it-tqegħid tal-persuna jista' jiġi terminat ukoll wara r-rieda espressa tal-persuna żgħażugħa kif ukoll jekk l-azzjonijiet tal-persuna żagħżugħa jitqiesu bħala li jkunu kuntrarji għall-aħjar interessi tar-residenti l-oħra f'dak l-ambjent bħal dak ta' familja.".

Żjieda tal-artikolu 73A ġdid fl-Att prinċipali.

37. Minnufih wara l-artikolu 73 tal-Att prinċipali għandu jiġi

Verżjoni Elettronika

miżjud l-artikolu ġdid li ġej:

"L-ipproċessar tad-data personali mill-entitajiet taħt dan l-Att.
Kap. 586.

73A. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ir-Regolament (UE) 2016/679 u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, inkluż ir-regolamenti magħmula taħt dak l-Att għandhom japplikaw għall-funzjonijiet u l-proċeduri kollha taħt dan l-Att, u d-drittijiet fundamentali u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data għandhom jiġu rispettati minn kwalunkwe entità.

(2) L-entitajiet rilevanti msemmija f'dan l-Att inkluz id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal, id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ), il-Bord ta' Reviżjoni, il-Bord għall-Fostering, u l-Bord tal-Appell, fil-kapaċità tagħhom ta' kontrolluri tad-data, għandhom jipproċessaw id-data personali, inklużi kategoriji speċjali ta' data personali, skont il-prinċipji tal-protezzjoni u l-privatezza tad-data skont l-artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/679.

(3) B'qies għan-natura, l-iskop, il-kuntest u l-għanijiet tal-ipproċessar, l-entitajiet hawn fuq imsemmija għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi adegwati sabiex jiżguraw livell adegwat ta' sikurezza għar-riskji preżenti, u partikolarment iħarsu kontra l-kxif mhux awtorizzat ta', jew aċċess illegali, tal-informazzjoni li tappartjeni lis-suġġetti tad-data.

(4) Meta d-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal u, jew id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) jipproċessa informazzjoni dwar suġġetti tad-data skont il-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att u għall-għanijiet li jirriżultaw minnu, id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal u, jew id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) jistgħu jirrestrinġu d-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 14 sa 20 u l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2016/679:

Iżda dawn id-drittijiet u l-obbligi għandhom jiġu ristretti biss f'dawk il-każijiet meta r-restrizzjoni hija kkunsidrata bħala neċessarja u bħala miżura proporzjonata sabiex d-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal u, jew id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) ikunu jistgħu jeżerċitaw il-funżjonijiet tagħhom taħt dan l-Att:

Verżjoni Elettronika

Iżda wkoll l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data kif stabbilit mill-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2016/679 għandu, meta neċessarju, jiġi kkonsultat fil-ħin opportun matul il-proċess kollu tal-applikazzjoni tar-restrizzjoni.

(5) Id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal u, jew id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandu japplika r-restrizzjoni imsemmija fis-subartikolu (4) sakemm ir-raġunijiet li jiġġustifikawha jibqgħu applikabbli u dan wara li jsir test tan-neċessita' u l-prorporzjonalità:

Iżda r-raġunijiet li jiġġustifikaw tali restrizzjoni għandhom jiġu dokumentati u jkunu disponibbli għall-Kumissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data meta u kif ikun meħtieġ.

(6) Meta r-raġunijiet għar-restrizzjoni ma jibqgħux applikabbli, id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal u, jew id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandhom ineħħu r-restrizzjoni u jinformaw b'dan lis-suġġett tad-data konċernat u josservaw id-drittijiet u l-obbligi kif jipprovdu l-Artikoli 14 sa 20 u l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2016/679.

(7) Id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal u, jew id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandhom ta' kull sena jirrevedu l-applikazzjoni tar-restrizzjoni msemmija fis-subartikolu (4) u jinformaw lis-suġġett tad-data bl-eżitu ta' tali reviżjoni.

(8) Bl-iskop li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data, il-kundizzjonijiet u l-protezzjonijiet segwenti għandhom japplikaw għall-informazzjoni li tkun ġiet ipproċessata fir-rigward tas-suġġetti tad-data, liema data għandha tkun suġġetta għar-restrizzjoni skont is-subartikolu (4):

Verżjoni Elettronika

(a) l-uffiċjal inkarigat mill-protezzjoni tad-data tal-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali għandu jżomm reġistru tar-restrizzjonijiet li jiġu applikati mid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal u, jew id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) fir-rigward ta' talbiet dwar il-protezzjoni tad-data magħmula mis-suġġetti tad-data. Ir-reġistru għandu jinkludi d-dettalji tas-suġġetti tad-data, id-dritt li ġie mitlub li jiġi eżerċitat, l-għan tar-restrizzjoni u r-raġuni li tiġġustifika r-restrizzjoni wara li jkun sar test ta' neċessità u proporzjonalità. Għandha titniżżel ukoll fir-reġistru kwalunkwe restrizzjoni tal-obbligu stabbilita fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2016/679;

(b) is-suġġetti tad-data għandhom jiġu infurmati bir-restrizzjoni li japplika d-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal u, jew id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) fir-risposta mibgħuta għat-talba tagħhom li jeżerċitaw kwalunkwe dritt skont ir-Regolament (UE) 2016/679, sakemm dan ma jkunx ta' preġudizzju għall-għan tar-restrizzjoni:

Iżda fuq talba tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal u, jew id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Zgħażagħ) għandhom b'mod ċar juru l-ħsara li jistgħu jsofru.

(9) Ir-rekords u d-dokumentazzjoni miżmuma u merfugħa mid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal u, jew id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandhom jinżammu skont il-politika ta' żamma tad-data tad-Direttorat rispettiv. Ladarba jgħaddi dan il-perjodu, id-data għandha tiġi mħassra skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data.".

Kap. 586.

Verżjoni Elettronika

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 107 tas-27 ta' Marzu, 2023.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati